MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 681/2006

**Mobisle Communication Ltd C24655**

**vs**

**Caruana Christian**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut hall-hlas ta'  mija tnejn u sebghin Liri Maltin u erbgha u disghin centezmi (LM172.94.)  rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Ltd skond *Client Contract Number*  8530  in konnessjoni ma servizz lilu  rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru, 2005 u Dicembru, 2005) li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes, inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali tat-22 ta’Gunju, 2006, dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentata kontestwalment ma din il-kawza, dawk ta’ l-ittra ufficjali lil banek ghall-imsemmi mandat u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat mill-PL Peter Sammut fl-1 ta’ Novembru, 2006;

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it- Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------